# IL-POLITIKA MARITTIMA INTEGRATA

Il-Politika Marittima Integrata (PMI) tal-UE hija approċċ olistiku għall-politiki kollha relatati mal-baħar. Filwaqt li hija bbażata fuq l-idea li l-Ewropa tista' tieħu benefiċċji akbar mill-ibħra u mill-oċeani b'impatt inqas qawwi fuq l-ambjent billi tikkoordina l-politiki tagħha, il-PMI tinkludi oqsma diversi bħas-sajd u l-akkwakultura, it-trasport marittimu u l-portijiet tal-baħar, l-ambjent tal-baħar, ir-riċerka marittima, l-enerġija lil hinn mill-kosta, il-bini tal-bastimenti u l-industriji relatati mal-baħar, is-sorveljanza marittima, it-turiżmu marittimu u dak kostali, l-impjiegi, l-iżvilupp tar-reġjuni kostali, u r-relazzjonijiet esterni fl-affarijiet marittimi.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

Il-konklużjonijiet tal-Presidenza dwar il-politika marittima tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell, l-14 ta' Diċembru 2007;

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE.

F'konformità ma' dan ta' hawn fuq, il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) għandha tiġi implimentata b'mod li jkun konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni u, b'mod partikolari, il-politika marittima (il-punt 17 tal-preambolu), u l-Artikolu 34(1)(e) jitlob li l-Kummissjoni tipprovdi linji gwida għall-integrazzjoni tal-attivitajiet tal-akkwakultura fl-ippjanar spazjali marittimu, kostali u intern.

Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

## L-ISTADJI EWLENIN

— Marzu 2005: il-Kummissjoni ressqet komunikazzjoni dwar PMI għall-UE li tistabbilixxi l-objettivi ppjanati għal Green Paper dwar il-ġejjieni tal-politika marittima tal-UE.

— Ottubru 2007: il-Kummissjoni ressqet proposta dwar PMI għall-UE, magħrufa bħala l-Blue Paper (COM(2007)0575), u Pjan ta' Azzjoni korrispondenti (SEC(2007)1278).

— Diċembru 2007: il-Kunsill Ewropew laqa' l-PMI u stieden lill-Kummissjoni tirrapporta dwar il-progress miksub sa tmiem l-2009.

— Settembru 2010: il-Kummissjoni ressqet il-proposta tagħha għal regolament li jistabbilixxi programm għal appoġġ finanzjarju kontinwu tal-PMI għall-perjodu 2011-2013 (COM(2010)0494).

— Diċembru 2011: il-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew adottaw ir-regolament imsemmi hawn fuq, li jifforma l-bażi ġuridika attwali għall-PMI.

— 8 ta' Ottubru 2012: Aġenda dwar il-Baħar u Marittima għat-tkabbir u l-impjiegi ġiet adottata mill-ministri Ewropej għall-politika marittima u l-Kummissjoni.

## L-OBJETTIVI

Il-PMI hija qafas li jiffaċilita l-iżvilupp u l-koordinament ta' attivitajiet ibbażati fuq il-baħar li jkunu diversi u xi drabi konfliġġenti, bil-għan li:

— timmassimizza l-użu sostenibbli tal-oċeani u l-ibħra, sabiex tippermetti t-tkabbir tar-regjuni marittimi u r-reġjuni kostali rigward:

  — it-trasport marittimu: it-titjib tal-effiċjenza tat-trasport marittimu fl-Ewropa u l-garanzija tal-kompetittività tiegħu fuq perjodu twil, permezz tal-ħolqien ta' Spazju tat-Trasport Marittimu Ewropew mingħajr ostakli, u strateġija għat-trasport marittimu għall-2008-2018,

  — il-portijiet tal-baħar: il-ħruġ ta' linji gwida għall-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti għall-portijiet u l-proposti għal politika ġdida dwar il-portijiet,

  — il-bini tal-bastimenti: il-promozzjoni ta' innovazzjoni teknoloġika u netwerk Ewropew ta' raggruppamenti marittimi multisettorjali,

  — l-impjiegi fis-settur marittimu: it-tisħiħ ta' kwalifiki professjonali li joffru prospetti mtejba ta' karriera fis-settur,

  — l-ambjent: it-tnaqqis tal-impatt u l-adattament għat-tibdil fil-klima fiż-żoni kostali, u t-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja u l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra,

  — il-ġestjoni tas-sajd: l-eliminazzjoni tal-iskartar ta' ħut, ta' prattiki tas-sajd distruttivi (p.e. t-tkarkir tal-qiegħ f'żoni sensittivi) u ta' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, u l-promozzjoni ta' akkwakultura li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent.

— il-bini ta' bażi ta' għarfien u innovazzjoni għall-politika marittima, permezz ta':

  — Strateġija Ewropea komprensiva għar-Riċerka tal-Baħar u dik Marittima (id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (2008/56/KE); is-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka kkontribwixxa għall-implimentazzjoni tagħha permezz tal-innovazzjoni li tirriżulta minn riċerka għal approċċ integrat lejn l-affarijiet marittimi (2007-2013),

  — sejħiet u opportunitajiet konġunti u trasversali għall-innovazzjoni fl-ekonomija blu fil-qafas ta' Orizzont 2020, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (2014-2020),

- appoġġ għar-riċerka dwar it-tibdil fil-klima u l-effett tiegħu fuq l-attivitajiet marittimi, l-ambjent, iż-żoni kostali u l-gżejjer,
- sħubija Ewropea dwar ix-xjenzi tal-baħar li bil-mira li tistabbilixxi djalogu fost il-komunità xjentifika, l-industrija u dawk li jfasslu l-politika.

— titjib fil-kwalità tal-ħajja fir-reġjuni kostali, permezz ta':

- l-inkoraġġiment tat-turiżmu kostali u marittimu,
- it-tħejjija ta' bażi ta' data dwar il-finanzjament Komunitarju għall-proġetti marittimi u għar-reġjuni kostali,
- il-ħolqien ta' Strateġija Komunitarja għall-Prevenzjoni tad-Diżastri,
- l-iżvilupp tal-potenzjal marittimu tar-reġjuni u l-gżejjer l-aktar imbiegħda.

— il-promozzjoni tat-tmexxija tal-UE fl-affarijiet marittimi internazzjonali, permezz ta':

- kooperazzjoni fl-affarijiet marittimi fl-ambitu tal-Politika tat-Tkabbir, il-Politika Ewropea tal-Viċinat u d-Dimensjoni tat-Tramuntana, biex ikunu koperti kwistjonijiet ta' politika marittima u l-ġestjoni tal-ibħra maqsuma ma' pajjiżi oħra,
- il-projezzjoni tal-Politika Marittima tal-UE bbażata fuq djalogu strutturat mas-sħab ewlenin.

— żieda fil-viżibilità tal-Ewropa Marittima, permezz ta':

- it-tnedija tal-applikazzjoni tal-internet "Atlas Ewropew tal-Ibħra", bħala mezz sabiex jiġi enfasizzat il-patrimonju marittimu komuni Ewropew,
- iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum Marittimu Ewropew fl-20 ta' Mejju.

— il-ħolqien ta' strutturi ta' koordinament interni għall-affarijiet marittimi u d-definizzjoni tar-responsabilitajiet u l-kompetenzi tar-reġjuni kostali.

## IL-KISBIET

Ingħata bidu għal numru ta' azzjonijiet speċifiċi f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Politika Marittima:

- komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija Ewropea għar-riċerka tal-baħar u dik marittima (COM(2008)0534), li tipproponi miżuri konkreti u mekkaniżmi għat-titjib tar-riċerka tal-baħar u r-riċerka marittima;
- komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-enerġija mir-riħ lil hinn mix-xtut (COM(2008)0768), li tidentifika l-isfidi li għandhom jiġu ffaċċjati sabiex ikun sfruttat il-potenzjal tal-Ewropa għall-enerġija mir-riħ lil hinn mix-xtut, u li tenfasizza l-bżonn ta' soluzzjonijiet industrijali u teknoloġiċi aħjar, l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE bbażata fuq valutazzjoni realistika tal-impatt tal-parks eoliċi, kif ukoll grilji elettriċi mtejba li jkunu kapaċi jibbilanċjaw il-ġenerazzjoni u d-domanda, u t-trażmissjoni tal-elettriku liċ-ċentri ta' konsum;
- komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iskopijiet strateġiċi u r-rakkomandazzjonijiet għall-politika tat-trasport marittimu tal-UE li tippromwovi

trasport marittimu sikur u effiċjenti (COM(2009)0008), kif ukoll komunikazzjoni u pjan ta' azzjoni bil-ħsieb li tiġi stabbilita żona Ewropea tat-trasport marittimu mingħajr konfini (COM(2009)0010), akkumpanjati minn proposta għal direttiva dwar il-formalitajiet tar-rappurtar għal bastimenti li jaslu fi jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri (COM(2009)0011), li kollha għandhom l-għan li jnaqqsu l-burokrazija u jiffaċilitaw it-trasport marittimu bejn il-portijiet tal-UE;

— strateġija għar-reġjun tal-Baħar Baltiku (COM(2009)0248), l-ewwel strateġija komprensiva żviluppata fil-livell "makroreġjonali", u l-ewwel pass lejn l-implimentazzjoni reġjonali tal-PMI, inkluża lista ta' 80 proġett ewlieni. B'koordinazzjoni sħiħa mal-istrateġija, il-Kummissjoni adottat is-Sustainable Blue Growth Agenda for the Baltic Sea Region (Aġenda tat-Tkabbir Blu Sostenibbli għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku) (SWD(2014)0167), ibbażata fuq approċċ konsistenti lejn l-innovazzjoni u sostenibilità akbar;

— komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar PMI għal governanza aħjar fil-Mediterran (COM(2009)0466), li għandha l-għan li tikkomplementa l-azzjonijiet settorjali varji li l-UE tippromwovi fiż-żona tal-Mediterran;

— komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni internazzjonali tal-PMI (COM(2009)0536), li tikkomplementa inizjattivi reġjonali preċedenti billi tesplora kif il-PMI għandha tkun estiża fl-arena internazzjonali usa', u li tipprevedi l-ħolqien ta' qafas tal-UE għal approċċ globali għall-affarijiet marittimi, bit-tisħiħ tar-rwol tal-UE fil-fora internazzjonali;

— komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Għarfien dwar il-Baħar 2020 (COM(2010)0461), li hija maħsuba biex ittejjeb l-użu tal-għarfien xjentifiku dwar l-ibħra u l-oċeani tal-Ewropa permezz ta' approċċ ikkoordinat lejn il-ġbir u l-assemblaġġ tad-data dwar il-baħar;

— l-Istrateġija tal-UE għall-Baħar l-Iswed[1], li tistabbilixxi żona ta' paċi, demokrazija, prosperità u stabilità u li tipprovdi għas-sigurtà tal-enerġija tal-UE;

— komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Marittima għaż-Żona tal-Oċean Atlantiku (COM(2011)0782), maħsuba biex tippromwovi l-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir fiż-żona tal-Atlantiku billi jissaħħaħ il-potenzjal marittimu tagħha. Forum tal-Atlantiku identifika azzjonijiet prijoritarji permezz ta' Pjan ta' Azzjoni adottat fit-13 ta' Mejju 2013, li jippermetti l-użu strateġiku ta' fondi strutturali tal-UE biex jiġi appoġġjat it-tkabbir marittimu għall-perjodu 2014-2020;

— komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tkabbir Blu (COM(2012)0494), li tniedi inizjattiva konġunta mal-Istati Membri, ir-reġjuni u l-partijiet ikkonċernati kollha rilevanti sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-ekonomija blu;

— Ir-Regolament (UE) Nru 1052/2013 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosur), sabiex jiġu identifikati, prevenuti u miġġielda r-reati transfruntieri u tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ħajja tal-migranti;

— Id-Direttiva 2014/89/UE li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu biex tippromwovi t-tkabbir sostenibbli tal-ekonomiji marittimi u l-użu tar-riżorsi tal-baħar,

[1]ĠU C 136 E, 11.5.2012, p. 81.

u tiżgura li l-ippjanar adegwat ikun fil-bażi ta' kull attività bbażata fuq il-baħar, sabiex ikun hemm sinerġija akbar bejn l-attivitajiet marittimi differenti;

— komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni (COM(2014)0451), li hija maħsuba biex ittejjeb l-effiċjenza u l-effikaċja meta mqabbla mal-ispejjeż tas-sorveljanza marittima billi tippermetti qsim ta' data adegwat, sikur u effiċjenti bejn is-setturi u l-fruntieri madwar l-UE kollha. Dawn jinkludu l-gwardji kostali, il-monitoraġġ tat-traffiku, il-monitoraġġ ambjentali, il-prevenzjoni tat-tniġġis, is-sajd, il-kontroll tal-fruntieri, l-awtoritajiet tat-taxxa u tal-infurzar tal-liġi ġenerali, kif ukoll il-flotot navali;

— komunikazzjoni konġunta dwar sistema integrata tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar l-Artiku (JOIN(2016)0021), li tiffoka fuq il-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali biex jingħata rispons għall-impatti tat-tibdil fil-klima u fuq il-promozzjoni u l-kontribut għall-iżvilupp sostenibbli, partikolarment fil-parti Ewropea tal-Artiku.

— l-istrateġija tal-UE għar-reġjun Adrijatiku u Jonju (COM(2014)0357), li tipprovdi qafas għal strateġija makroreġjonali koerenti u Pjan ta' Azzjoni, sabiex jiġu indirizzati l-isfidi marittimi u l-opportunitajiet, permezz ta' kooperazzjoni bejn il-pajjiżi parteċipanti;

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

L-approċċ integrat li jikkombina oqsma varji tal-politika kien innovattiv mil-lat politiku. Il-kwistjonijiet ta' politika marittima fil-Parlament huma koperti minn bosta kumitati, filwaqt li d-DĠ MARE fil-Kummissjoni huwa organizzat biex jiżgura koordinazzjoni tematika aħjar u fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni għandu kompetenza dwar il-PMI. Il-Parlament għamel l-ewwel pass lejn sinerġija aħjar billi nieda l-Intergrupp "Ibħra, Xmajjar, Gżejjer u Żoni Kostali", ippresedut minn Gesine Meissner (ALDE) u ġab flimkien aktar minn 80 Membru tal-PE minn sitt gruppi politiċi differenti u 19-il Stat Membru fi struttura ta' ħidma li taġixxi orizzontalment u bejn il-partiti.

Il-grupp ta' ħidma tal-Parlament biex ifassal rapport dwar il-Green Paper dwar il-PMI kien jinkludi lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-Kumitat għas-Sajd (dawn l-aħħar tnejn bħala kumitati assoċjati għal opinjoni), kif ukoll il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (għal opinjonijiet). L-ewwel riżoluzzjoni tat-12 ta' Lulju 2007 dwar politika marittima tal-Unjoni Ewropea għall-ġejjieni: Viżjoni Ewropea għall-Oċeani u l-Ibħra[2] enfasizzat:

— it-tibdil fil-klima bħala l-ikbar sfida għall-politika marittima, li għandha tiġi indirizzata permezz tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet mill-bastimenti, il-valutazzjoni tal-vijabilità tan-negozjar tal-emissjonijiet għat-trasport marittimu u l-promozzjoni ta' enerġija rinnovabbli;

— trasport marittimu Ewropew aħjar b'bastimenti Ewropej aħjar, permezz tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi inkwinanti fl-arja, filwaqt li titjieb is-sikurezza marittima u l-leġiżlazzjoni soċjali għall-ħaddiema;

[2]ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 531.

— politika kostali Ewropea aħjar, inklużi portijiet Ewropej aħjar, bl-użu ta' strumenti tal-politika ta' koeżjoni;

— turiżmu kostali sostenibbli, b'rikonoxximent tar-rwol kruċjali li l-ambjent għandu għas-sopravivenza tas-settur;

— ambjent tal-baħar sostenibbli, b'rikonoxximent tal-prinċipju indispensabbli li tiġi ggarantita l-konservazzjoni tiegħu u f'bosta każijiet ir-riabilitazzjoni tiegħu;

— politika tas-sajd integrata bħala mod kif jitħarsu l-interessi tas-sajd fuq skala żgħira u sabiex jintemmu l-problemi tal-qbid inċidentali u tal-iskartar tal-ħut, kif ukoll sabiex jiġi rikonoxxut is-sinifikat soċjoekonomiku dejjem jikber tal-akkwakultura;

— ir-riċerka, l-enerġija, it-teknoloġija u l-innovazzjoni dwar il-baħar biex tingħata reazzjoni adegwata għall-isfida ta' sostenibilità, bl-appoġġ adegwat tal-finanzjament tal-UE u tal-Istati Membri, permezz ta' "Konsorzju Ewropew dwar ix-Xjenza tal-Baħar" u l-ġbir flimkien tal-għarfien;

— politika marittima komuni li għandha l-għan li toħloq spazju marittimu komuni Ewropew li jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-suq intern għat-trasport u s-servizzi marittimi intra-UE.

Ir-Riżoluzzjoni tal-20 ta' Mejju 2008 dwar Politika Marittima Integrata għall-UE[3], b'reazzjoni għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-suġġett, kienet ibbażata fuq rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, b'opinjonijiet mill-Kumitat għas-Sajd u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali.

Il-Parlament fassal rapport li jkopri l-pakkett ta' komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-PMI (COM(2009)0466), (COM(2009)0536), (COM(2009)0538), (COM(2009)0540), bil-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu bħala l-kumitat ewlieni, u b'opinjoni mill-Kumitat għas-Sajd skont il-proċedura ta' assoċjazzjoni (l-Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura). Ir-Riżoluzzjoni tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-Politika Marittima Integrata — Evalwazzjoni tal-progress li sar u sfidi ġodda[4] kkonfermat il-valutazzjoni essenzjalment pożittiva tal-PMI.

Fl-24 ta' Novembru 2011 u wara r-rakkomandazzjoni mill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-Kumitat ewlieni għar-rapport, il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar il-Programm biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ulterjuri tal-Politika Marittima Integrata (2010/0257(COD)).

Ir-rapport imbagħad ġie adottat mill-Kunsill u sar ir-Regolament (KE) Nru 1255/2011, li serva ta' qafas għall-PMI sal-lum.

Fit-2 ta' Lulju 2013 il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar it-Tkabbir Blu[5] fejn laqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tkabbir Blu, li tiġbed l-attenzjoni lejn il-potenzjal tal-ekonomija marittima biex toħloq tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u tiġġenera opportunitajiet ta' impjieg. Din ir-riżoluzzjoni għandha l-għan li terġa' tagħti l-ħajja u tappoġġja lill-PMI, waqt li tenfasizza li l-Istrateġija tat-Tkabbir Blu, bħala parti

[3]ĠU C 279 E, 19.11.2009, p. 30.
[4]ĠU C 70 E, 8.3.2012, p. 70.
[5]ĠU C 75, 26.2.2016, p. 24.

mill-PMI, se tħeġġeġ l-iżvilupp ta' sinerġiji u politiki kkoordinati, u b'hekk tiġġenera valur miżjud Ewropew.

Fil-votazzjoni plenarja tiegħu tas-16 ta' April 2014 dwar ir-Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), il-Parlament approva allokazzjoni baġitarja ta' 5% tal-volum totali tal-FEMS għall-PMI għall-perjodu 2014-2020, li jirrappreżenta żieda għal erba' darbiet għall-PMI.

Fis-16 ta' Jannar 2018, il-Parlament adotta wkoll riżoluzzjoni dwar il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna fil-kuntest tal-SDGs 2030[6]. Il-governanza hija relatata mal-attivitajiet tal-baħar u marittimi kollha tal-bniedem, kemm dawk tradizzjonali kif ukoll dawk ġodda, inkluż is-sajd.

Fis-27 ta' Marzu 2019, il-Parlament adotta pożizzjoni fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent[7]. Fil-qafas tal-istabbiliment ta' ekonomija ċirkolari, hija ssemmi l-ħtieġa għall-utenti ta' rkaptu tas-sajd li fih il-plastik sabiex jikkunsidraw irkaptu alternattiv li jista' jerġa' jintuża u sistemi ta' użu mill-ġdid.

Fl-4 ta' April 2019, il-Parlament adotta pożizzjoni fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara[8]. L-għan huwa li jittejjeb il-livell ta' sikurezza marittima u t-tniġġis fil-baħar permezz tal-iżvilupp ta' taħriġ marittimu u ċertifikazzjoni skont ir-regoli internazzjonali u l-progress teknoloġiku.

Carmen-Paz Martí
05/2019

[6]ĠU C 458, 19.12.2018, p. 9.
[7]P8_TA(2019)0305
[8]P8_TA(2019)0354